# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 540

Il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻAT:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 540.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

540.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa(5p.m.) ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Paul Mizzi u s-Sur Alvin Grech u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

## 540.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

540.2.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 540.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

540.3.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li f'ismu u f'isem sħabu l-Kunsilliera rringrazzja pubblikament lill-President u l-Membri tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali(AKL) tad-Djarji u l-Memento ġentilment mogħti f'dawn il-ġranet festivi kif ukoll lill-President u lill-Sħabu l-Membri tar-Reġjun Għawdex għad-Djarji tas-Sena 2022 ġentilment mogħtija ukoll lill-Membri u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem.

540.3.2 B'rabta mal-Minuti li kienu għadhom kif inqraw, is-Sindku nforma lill-Kunsill li d-diskussjonijiet mas-CEO tal-*Primary Health Care* għadhom għaddejjin u huma nkoraġġanti kemm dwar is-servizzi mogħtija mill-Berġa tas-Saħħa tal-Lokalità kif ukoll dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa kemm-il darba jitwettaq il-proġett tal-bini tat-tieni sular u wara li nżammet diskussjoni interessanti, fuq mistoqsija li saret mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv fir-rigward taċ-Ċirkulati SPI/SCI/8/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar finanzjament ta' Proġetti Kapitali għal aktar Aċċessibiltà u Mobilità li ġiet diskussa fl-aħħar Laqgħat, il-Kunsill iddeċieda li għandu japplika sabiex jiġi nstallat il-*lift* taċ-Ċentru Ċiviku u li jkun jakkomoda *stretcher* jew soddod żgħar.

540.3.3 Ukoll, b'rabta mal-Offerti kif ippubblikati mill-Kunsill, is-Sindku informa lill-Membri preżenti li dik tar-restawr tan-Niċċa tal-Madonna tal-Patri fi Triq Qasam San Pawl, inżamm *site meeting* fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment ġie ffirmat il-Kuntratt u jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Stefano Sferrazzo, kif ukoll mistennija jinbdew ix-xogħolijiet fil-bidu ta' Jannar, 2022 wara li jinżamm *meeting* ieħor mas-Supretendent tal-Wirt Kulturali u tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet; fir-rigward tal-Offerta għar-restawr tal-Għajn ta' Għajn Tutà, din ġiet ukoll evalwata u wara li nqara r-Rapport il-Membri approvaw ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni biex b'hekk ix-xogħolijiet ser jinżammu mis-Sultech & Co li kien l-uniku offerent għas-somma ta' €17,557.86 VAT esklużа; filwaqt li l-offerta għall-provvediment ta' Tinda kienet għalqet u kien hemm Offerent wieħed li huwa TEC Ltd u li l-offfferta sottomessa kienet mal-baġit allokat u għalhekk il-Membri ħattru l-Bord tal-Evalwazzjoni li huma Chairman is-Sur William Sultana, u l-Membri l-Ing Simon Mizzi, Dr Joshua Grech u s-Sur Daniel Galea; mentri b'rabta mal-Offerti l-ġodda u separati għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, dawn l-offerti għadhom fuq is-Suq u mistennija jagħlqu fit-12 ta' Jannar, 2021.

540.3.4 Fir-rigward tat-Triq alternattiva sabiex jgħaddu minnha t-trakkijiet, is-Sindku għarraf lill-Kunsill li minħabba mpenji tal-Ministru għal Għawdex, il-Laqgħa li ntalbet miegħu sabiex tiġi diskussa it-triq alternattiva kif proposta għadha ma nżammitx minkejja ħafna tfakkiriet.

540.3.5 B'dispjaċir, is-Sindku informa lill-Membri preżenti li l-Kunsill ġie infurmat mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li b'rabta mal-iSkemi Finanzjarji SPI/SCI/6/2020 - Skema ta' Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex, l-applikazzjoni sottomessa ġiet meqjusa mhux eliġibbli mill-Bord tal-Evalwazzjoni minħabba li skonthom ma laħqitx l-Għan tal-iskema; filwaqt li b'rabta mal-iSkemi Finanzjarji SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, l-applikazzjoni sottomessa ġiet ukoll meqjusa mhux eliġibbli skont Artiklu 6.7. tal-istess Skema mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

Għaldaqstant, għal din l-aħħar Skema Finanzjarja, ġie deċiż li l-Kunsill Lokali għandu jitlob kjarfika.

540.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li lbieraħ waqt il-Laqgħa tar-Reġjun Għawdex kienet ġiet estiża d-data tal-għeluq sal-aħħar ta' Jannar 2022 tal-aħħar Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi imnedija mir-Reġjun Għawdex u fejn qiegħed jalloka sa massimu ta' ħamsa u għoxrin Elf Ewro(€25,000) lil kull Kunsill u liema fondi ser jintużaw għall-Park li ser jinżamm f'Qasam San Ġorġ.

540.3.7 B'rabta ma' dan il-Park ukoll, is-Sindku informa lill-Membri preżenti ukoll li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza oħra mingħand ir-Reġjun Għawdex b'rabta

mal-proposta li twasslet mill-*Gozo Regional Development Authority*(GRDA) u li oriġinarjament kienet intbagħtet mid-Direttur tal-Proġett LIFE TERRA biex jinħoloq Masġar ieħor ġewwa Għawdex billi jitħawwlu bejn 500 u 600 ta' siġra endemika u lokali bħala parti minn dan il-Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, ġie deċiż li l- Kunsill jista' joffru dan l-istess sit fejn jista' jinħoloq dan il-Masġar fil-Lokalità tagħhom, u għandu jissottometti l-interess tiegħu sal-lum li kienet proprju d-data sa meta l-Kunsilli Lokali jistgħu juru l-interess tagħhom.

540.3.8 Il-Kunsill kien irċieva ukoll *E-mail* Ċirkulari AKL 2021/128 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 1 ta' Diċembru, 2021 fejn tavża li l-AKL ikkonkludiet l-ewwel abbozz tad-Dokument fuq il-Parkeġġ u li għaldaqstant qiegħda tgħaddi dan id-dokument għall-attenzjoni tal-Kunsilli Lokali filwaqt li tistieden lil kull min għandu xi suġġeriment jew proposta sabiex jgħaddihom lill-istess AKL sal-aħħar ta' Diċembru, 2021 – Il-Kunsill innota l-kontenut.

540.3.9 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari SPI/SCI/9/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 17 ta' Novembru 2021 biex tagħti gwida lill-Kunsilli Lokali dwar il-proċess u l-finanzjament ta' *Grant Schemes* lill-Kunsill Reġjonali jew Lokali – Il-Kunsill innota l-kontenut.

540.3.10 Is-Sindku informa lill-Membri preżenti li l-Kunsill Lokali kien irċieva korrispondenza mibgħuta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn b'referenza għall-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku tal-Kunsill li ser jiskadi matul is-sena 2022, ġentilment jinfurmaw, illi kemm il-darba il-Kunsill, bi qbil mal-kuntrattur, lest li jestendi l-kuntratt eżistenti sakemm jingħata l-kuntratt il-ġdid fuq bażi reġjonali, id-Diviżjoni ma ssib l-ebda oġġezzjoni biex jiġi estiż u li l-estensjoni għandha tkun sal-aħħar tas-sena 2022 u li importanti li ssir bl-istess kundizzjonijiet u prezzijiet tal-kuntratt eżistenti.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li din il-materja kienet ġiet ukoll diskussa fil-Laqgħa tar-Reġjun Għawdex ilbieraħ fejn minbarra li kien instab li kienu bosta Kunsilli Lokali li rċevew din il-korrispondenza, il-President Dr Samuel Azzopardi kien ippropona li kemm-il darba il-fakultà tippermetti, l-estensjoni kif istruita mid-Dipartiment għandha tkun ta' xahar b'xahar u li għaldaqstant tiġi mġedda kull xahar sakemm eventwalment il-Kunsilli Lokali jkunu nfurmati bil-kuntratt il-ġdid fuq bażi reġjonali li wieħed jittama li l-ħidma fuq l-Offerta rispettiva tkun konkluża matul is-sena 2022 kif previst.

Il-Membri preżenti qabblu li l-Kunsill għandu jipproċedi kif propost.

540.3.11 Is-Sindku informal ill-Membri preżenti l-Kunsill kien irċieva ukoll *E-mail* mibgħuta u mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex

u datata 15 ta’ Novembru 2021 fejn tavża li sabiex tingħata aktar importanza lill-wirt tanġibbli ta’ Għawdex, permezz ta' investiment f'għodod diġitali u interattivi, ser iniedu proġett li permezz tiegħu statwi ta' persuni prominenti jieħdu l-ħajja u jirrakkontaw ġrajjiethom. L-istatwi ta’ figuri prominenti Għawdxin iridu jkunu ta’ uħud li għamlu isem fix-xena tal-wirt kulturali u/jew fil-qasam soċjali ta’ Għawdex u li għaldaqstant statwi li jirrappreżentaw qaddisin ma jistgħux jiġu inklużi. L-istatwi jistgħu jkunu tal-bronż, imitazzjoni ta’ bronż, ġebel, irħam, u anke busti.

Wara diskussjoni qasira, il-Membri preżenti identifikaw il-Bust ta’ Raymond Mercieca sabiex jiġi propost u għalhekk inkuż f’dan il-proġett interessanti.

540.3.12 Is-Sindku temm l-intervent tiegħu billi nforma lill-Kunsill li fis-7 ta’ Diċembru, 2021 kien ġie ppubblikat ir-Rapport tal-Awditur fuq il-ħidma tal-Kunsilli Lokali matul is-sena 2020 filwaqt li rrimarka li dwar il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem ma kien intqal xejn partikulari.

## 540.4 L-Għassa tal-Pulizija tal-Lokalità

540.4.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li l-Laqgħa li ntalbet mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta’ Għawdex sabiex tiġi diskussa ukoll kemm ir-rotta alternattiva kif ukoll problemi oħra fil-Lokalità inkluż il-futur tal-Għassa tal-Pulizija li tinsab fiċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll l-introduzzjoni tal-*Community Policing* ġewwa l-Lokalità, u li din il-Laqgħa kienet prevista li tinżamm aktar kmieni biss kellha tiġi posposta min-naħa tal-Pulizija għat-Tnejn, 20 ta’ Diċembru, 2021 u li skont l-eżitu tagħha, il-Kunsill Lokali jkun f’pożizzjoni aħjar li jieħu deċiżjoni fuq il-futur tagħha ukoll.

## 540.5 Attivitajiet Milied 2021

540.5.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li ssa li ninsabu fil-ġranet ta’ qabel il-Milied jinsabu għaddejja numru sabiħ ta’ Attivitajiet kif maħsuba għal dawn iż-żminijiet grazzi għall-kolloborazzjoni ta’ kulħadd fosthom il-Kumitat tal-Armar ta’ Santa Luċija u Għajn Tuta, il-Kumitat tal-Banda San Girgor, il-*Kercem Youth Choir*, il-*Gozo Crafty Ladies* flimkien mal-Għaqdiet volontarji u NGO’s tal-Lokalità li flimkien ġewwa Ta’ Kerċem saru numru ta’ Attivitajiet li attiraw ħafna nies grazzi għall-Fondi mogħtija appositament mill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll fondi tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem.

540.5.2 Filwaqt li nżammet diskussjoni interessanti dwar l-pubbliċità li jngħatat u l-attendenza tal-pubbliku anke minbarra l-Lokalità għal dawn l-Attivitajiet , is-Sindku elenka l-Attivitajiet kollha li jinsabu għaddejja bħalissa ġewwa Ta’ Kerċem u Santa

Luċija fosthom, il-mixgħela tal-*Christmas Tree* mal-ġenb tal-Għolja ta' Għar Ilma; it-tiżjin u d-dwal fit-toroq ewlenin u l-Pjazez prinċipali tal-Lokalità; il-*Christmas Market* li ssa wasal biex jintemm; l-installazzjoni tas-sigar ta' ċipress imħawwla ġewwa qsari apposta li tpoġġew u tqassmu mal-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija armati ukoll bħal Siġar tal-Milied grazzi għat-tiżjin tagħhom ġentilment maħdum mill-*Gozo Crafty Ladies* u li wara l-Milied, dawn is-siġar jitneħħilhom it-tiżjin tal-Milied u jibqgħu fil-post fejn ikunu tpoġġew sabiex jitgawdew u biex iħaddru l-ambjent u t-toroq tal-Lokalità matul is-sena kollha; is-serata tant mistennija ta' Lejliet il-Milied ta' kant tal-*Carols* ma' *Father Christmas* għat-tfal akkumpanjati mill-*Kercem Youth Choir* u t-tqassim tar-rigali u kotba u kant ta' *Carols* għall-anzjani u morda bit-trejn madwar il-Lokalità Lejliet il-Milied; il-Kampanja Ifraħ u Ferraħ li qiegħda tinżamm mill-Fergħa ta' Għawdex tal-FSWS flimkien mal-Ministeru għal Għawdex li tikkonsisti fit-tqassim ta' kotba għat-Tfal kollha sa Form 1; kif ukoll grazzi għar-Reġjun Għawdex, it-tqassim tal-Ikla tal-Milied fil-Lokalità tagħna lil dawk l-Anzjani jew morda jew persuni vulnerabbli oħra li jgħixu waħedhom jew koppji anzjani li ma għandhomx min isajrilhom sabiex dan il-Milied jekk ma jġibx ferħ fost dawk l-aktar milquta u vulnerabbli għax huma xjuħ, morda jew jgħixu waħedhom, tal-inqas itaffi ħafna mill-weġgħat ta' dawn l-inqas ixxurtjati fostna, grazzi għas-solidarjetà li bħala Kunsill Lokali għandna obbligu morali u soċjali li nuru lejhom b'mod speċjali f'dan iż-żmien diffiċli tal-pandemija.

## 540.6 Ilmenti u Suġġerimenti

540.6.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand numru ta' residenti li qegħdin joġġezzjonaw għall-Applikazzjoni għal żvilupp partikulari ġewwa Ta' Kerċem kif ukoll jitolbu lill-Kunsill sabiex hu ukoll joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp minħabba li qiegħed f'żona 'l barra mill-iżvilupp u qrib sit arkeoloġiku. – Il-Kunsill innota li fil-passat kien diġà oġġezzjona għal applikazzjoni simili għal dan l-iżvilupp u għalhekk ġie deċiż li jerġa' joġġezzjona għal din l-applikazzjoni l-ġdida ukoll.

540.6.2 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li kienet qiegħda tinħass il-ħtieġa ta' *Bank Note Counter Machine* li tiffaċilità l-għadd tal-flus kontanti li jirċievi l-Kunsill Lokali matul il-ġurnata.

Filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjonijiet varji miġbura appositament għal dan il-għan, il-Kunsill qabel li ġaladarba din il-magna hija meħtieġa sabiex ir-residenti jingħataw servizz mill-Kunsill f'isem il-Kumpanija Maltapost plc, ikun aktar għaqli jekk issir it-talba biex din il-magna tinxtara jew tiġi provduta lill-Kunsill mill-istess Maltapost plc.

540.6.3 Saret talba sabiex titranga ħajt fuq l-Għolja ta' Għar Ilma – Il-Kunsill innota l-kontenut u ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 540.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

540.7. Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 540.8 Materji Oħra

540.8.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill reġa' ġie mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jikkonferma jew mod ieħor id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll għarraf lill-Membri preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet ittra fejn qiegħda tavża li ser tieħu ż-żmien tal-maternità kollu kif mogħti lilha bil-Liġi kif ukoll xi ġranet oħra *Vacation Leave* minħabba li għad fadal numru ta' ġranet minn ta' din is-sena li ma ttieħdux sabiex ma jintilfux.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur George Refalo, filwaqt li stqarr li ma kienx qed jistenna din l-aħbar minħabba li t-terminu tiegħu kien speċifikament indikat mill-istess Segretarju Eżekuttiv li jispiċċa fil-bidu ta' Jannar, 2022 meta kienu jiskadu bl-eżatt ukoll it-tmintax-il ġimgħa żmien tal-maternità, ammetta li hu m'għandux għażla oħra ħlief li b'responsabbiltà u b'sagrifiċċju personali mhux żgħir ikollu jaċċetta li jibqa' jservi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ġaladarba nstab li għal xi raġuni jew oħra ħadd ma kien konxju li t-tmintax-il ġimgħa żmien tal-maternità mgħotija bil-liġi għadhom ma skadewx, filwaqt li nforma lill-Kunsill li minħabba li fl-aħħar ta' kull Frar, normalment il-Kunsilli Lokali jkunu mitluba jibagħtu l-iStqarrijiet Finanzjarji tas-sena preċedenti, fakkar li l-iStqarrrijiet Finanzjarji tas-Sena 2020 kienu għadhom mhux Awditjati u li għaldaqstant, ġaladarba mhux possibbli għalih li jippreżenta l-iStqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2021 fil-ħin minħabba dan, ammetta li għandu riservi dwar il-*vacation leave* mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv wara ż-żmien tal-maternità minħabba li hu mhux f'pożizzjoni li jlesti l-Awditjar tal-iStqarrijiet Finananzjarji għas-Sena 2020 u għalhekk ma jista' qatt ilesti l-iStqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2021 minħabba li dawn jirrikjedu bilfors l-intervent tas-Segretarju Eżekuttiv proprja.

Wara diskussjoni interessanti fejn ġie spjegat x'jirrikjedu l-iStqarrijiet Finanzjarji biex jiġu preżentati fil-ħin, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wiegħed li hu ser jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex dawn jitlestew fil-ħin filwaqt li fakkar li ġaladarba s-Sinjura Monica Falzon, impjegata tal-Kunsill u responsabbli mill-*Accounts*, kienet irriżenjat, il-Kunsill Lokali jrid bilfors jiddeċiedi biex jinstab xi ħadd li jagħmel dan ix-xogħol minflokha.

Wara diskussjoni oħra fejn instab li l-Kunsill m'għandux għażla oħra ħlief li jitlob is-servizz tal-*Accountant* tal-Kunsill sabiex jagħmel dan ix-xogħol *extra* bi ħlas, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv reġa' stqarr li b'responsabbiltà u b'rispett lejn ir-Rispettabbli Sindku u l-Membri tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem u l-Lokalità adottiva

tiegħu, ma setgħax ma jaċċettax li jerġa' jiġi maħtur Deputat Segretarju Eżekuttiv filwaqt li rrakkomanda li għandha tkun ikkunsidrata aktar it-talba għat-teħid tal-*vacation leave* wara ż-żmien tal-maternità kif mitlub mis-Segretarju Eżekuttiv.

540.8.2 Għaldaqstant ukoll u fid-dawl taċ-ċirkustanzi kif seħħew, is-Sindku ssuġġerixxa li s-Sur Oliver Farrugia għandu jingħata aċċess bħala Amministratur biss tal-BOV 24x7 Internet Banking Services tal-Kunsill sabiex ikun jista' jassisti fit-transazzjonijiet li jkunu jridu jsiru u li jkunu jirrikjedu l-awtorizzazzjoni jew tas-Sindku jew tas-Segretarju Eżekuttiv – Il-Kunsill approva l-ħatra kif proposta.

## 540.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

540.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.37pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | George Refalo<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |